**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 130 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Ludwig Bugeja**

Illum, 28 t' April, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Ludwig Bugeja ta' 43 sena, bin Angelo Bugeja u Yvonne xebba Camilleri, imwieled fil-5 ta' Frar 1976, u residenti 21, Triq Joseph Stivala, Paola, detentur tal-karta tal-Identita` 113276 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-13 ta' Jannar 2019 ghall-habta tal-16:50hrs minn Triq Guze` Damato, Paola:

1. Ikkommetta serq ta' vettura ta' ghamla Isuzu TFR bin-numru ta' registrazzjoni CBC128 u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur u xorta tal-haga misruqa, liema ammont jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Wayne Scott Schembri u/jew persuni ohra;

U akkuzat talli nhar il-21 ta' Frar 2019 ghall-habta tas-17:45hrs minn gewwa listabbiliment Carters Supermarket, Triq Hal-Luqa Tarxien:-

2. Ikkommetta serq ta' oggetti liema serq huwa aggravat bil-valur liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu tal-kumpanija Carter Supermaket (Tarxien) Ltd, u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

U akkuzat ukoll talli nhar il-25 ta' Frar 2019, ghall-habta ta' 17:45hrs minn gewwa listabbiliment Carters Supermarket, Triq Hal Luqa, Tarxien:-

3. Ikkommetta serq li jitqies li hu semplici ghad-dannu ta' Chain Supermarket (Tarxien) Ltd, u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

U akkuzat ukoll illi talli nhar l-20 ta' Frar 2019, ghall-habta ta' 13:22hrs minn gewwa l-istabiliment The Perfect House, Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera:

4. irrenda ruhu komplici f'serq, liema serq jitqies li hu semplici ghad-dannu ta' Zeng Chunlian, u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reati, b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2022, fejn il-Qorti wara:

1. li rat l-Artikoli 261 (c) u (g), 267, 271 (g), 279 (b), 280 (1), 279 (a), 284, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Lulju 2019, sabet lill-imputat hati tar-reati kontemplati

f'dawn l-Artikoli, pero fir-rigward tal-Artikolu 284 sabithu hati bhala awtur fis-serqa tal-25 ta' Frar, 2019 imsemmija fit-tielet imputazzjoni, u bhala komplici ai termini tal-Artikolu 42 (c) u (d) tal-Kapitolu 9 fis-serqa tal-20 ta' Frar, 2019 imsemmija fir-raba' imputazzjoni dedotti kontra tieghu. Konsegwentement il-Qorti sabet lill-imputat hati wkoll tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u tal-addebitu tar-recidiva kif dedotti kontra tieghu.

2. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ikkundannat lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' sitt (6) snin, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

3. Ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 15 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lil hati biex ihallas lill-persuni minnu derubati l-ammonti hawn taht indikati rapprezentanti l-ammont misruq, u cioe:

(a) lil Wayne Scott Schembri is-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (€3,500);
(b) lis-socjeta Chain Supermarket (Tarxien) Ltd is-somma ta' hames mija u sbatax-il Euro (€517);
(c) lil Zeng Chun Lian is-somma ta' mija u sitta u sebghin Euro (€176).

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. In oltre, ai termini tal-Artikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DBG – 314.

Rat ir-rikors tal-appellanti Ludwig Bugeja minnhu pprezentat fis-16 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u, thassar u tannulla, is-sentenza hawn citata, u ghar-ragunijiet suesposi, tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew alternattivament thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

L-Ewwel Aggravju jirrigwarda l-apprezzament ta' provi li sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti. L-appellant umilment jirrileva illi, fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiema, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Illi l-appellant umilment jirrileva li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju ragonevoli. Bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati tar-reat tas-serq, meta effettivament ma giex lanqas stabilt b'mod definitiv il-valur ta' l-oggetti misruqa. Dan qieghed jinghad partikolarment ghar-raba' akkuza.  Din il-prova kienet tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, illi minn naha taghha naqset milli taghmel dan.

In *subordine*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jilmenta, illi l-elementi tar-reat ta' serq ma gewx pruvati, u ghalhekk l-appellant isostni illi huwa kellu jigi liberat minn l-imputazzjoni tas-serq kif dedotta kontra tieghu.  Dan qieghed jinghad b'referenza ghar-raba' serqiet kif dedotti fl-akkuzi citati.

Il-Kodici Kriminali taghna, ma taghti ebda definizzjoni dwar id-delitt tas-serq, u ghalhekk, wiehed irid bilfors jaghmel referenza ghal l-awturi u ghall-gurisprudenza. Carrara jiddefenixxi s-serq bhala,

*'la contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro'*

Il-Qrati taghna wkoll addottaw din id-definizzjoni. Fil-kaz fl-ismijiet, il- Pulizija. v. Felice, (Qorti ta' l-Appelli Kriminali 10/01/1942) il-Qorti rreteniet illi:

> *Illi, ghalkemm il-ligi taghna ma taghtix id-definizzjoni tas-serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurispridenza li s-serq huwa l-kontrettazzjoni doluza ta' haga mobili li ghandha valur, maghmula a dannu u kontra l-volontà tas-sid bi skop li jsir minnha profitt. In bazi ghal din id-definizzjoni, biex ikun hemm id-delitt ta' serq hemm bzonn il-konkors ta' dawn l-elementi:- (a) l-impossessament tal-haga; (b) li dik il-haga tkun ta' haddiehor; (c) li dak l-impossessament isir kontra l-volontà tas-sid tal-haga; (d) id-dolo, jigifieri l-iskop li mill-haga misruqa jsir profitt.*

It-terminu *Contrettazione* gej mill-kelma latina *contrectatio*, u jfisser illi sabiex ir-reat jigi kkonsumat, hemm bzonn illi l-oggett misruq jiccaqlaq minn postu bil-konsegwenza illi s-sid jew il-possessur ta' l-oggett jigi deprevat minn l-oggett in kwistjoni, u dan minghajr ma jkun ta' l-kunsens tieghu. Fil-kaz odjern, kif hareg car kemm mix-xhieda prodotta, l-affarijiet misruqa ma nsabux. Dan ifisser illi r-reat ta' serq ma giex kkunsmat, u ghalhekk wiehed minn l-elementi tas-serq huwa mankanti. Jigi rilevat li ma nstab l-ebda oggett minn dawk misruqa fis-serqiet kollha dedotti fl-akkuzi. Effettivament, jirrizulta li saret anke tfittxija fir-fio-residenza ta'l -imputat, izda ma nstabux l-oggetti li gew misruqa.

Inoltre, il-*contrectatio*, trid tkun doluza, ossia, l-oggett irid jinsteraq bl-animu illi jitwettaq reat, ossia l-imputat ried ikun konsapevoli mill-fatt illi huwa qed jikser il-ligi. L-appellant umilment jirrileva li din il-prova hija wkoll mankanti, u fil-fatt ma ngabet ebda prova ta' dan.

Element iehor importanti fir-reat tas-serq,  li huwa 'id- dolo', jimplika illi min ikun seraq ,irid  ikun se jaghmel akkwist, profitt, jew xi tip ta' tgawdija ghalih nnifsu minn l-oggett, ossia -lukru,  u dan sabiex jikkonkorru l-elementi tar-reat. Il-lukru jista' jikkosisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew soddisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa. Dan gie kkonfermat fis-sentenza **Pulizija vs James Chetcuti** (Appelli Kriminali 03/04/1943).  L-appellanti umilment jissottometti, illi dan l-element huwa wkoll mankanti. Dan ghaliex, ma ngabet ebda tip ta' prova quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-appellant ghamel xi tip ta' tgawdija minn l-oggetti allegatament misruqa.

Illi it-Tieni Aggravju jirrelata mal-piena inflitta. Minghajr pregudizzju ghal ewwel aggravju, tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena inflitta fuq l-appellant, li huwa inflit mil-vizzju tad-droga,  kienet wahda eccessiva; ghalhekk fid-dawl ta'dak sottopost, l-esponenti umilment jissottometti li fil-kaz odjern, setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta;

F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; ***Il-Pulizija vs John Farrugia***, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza ***l-Pulizja vs Carmen Buttler***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset

milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' ***Il-Pulizija vs Charlot Aquilina,*** deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta'Probation.

> *F'dan il-kaz partikolari, ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.*

Fis-sentenza, ***Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> *"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-*

*semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia:*

> *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. <u>Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.</u>*

L-esponenti umilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta li attwalment l-esponenti jinsab fiha.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa dwar l-apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif

ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***<u>ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.</u>*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.</u>**[2]" [12.5.94]; "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[3]" [14.2.1989]; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[4]" [31.5.1991]; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**<u>R. v. Cooper</u>**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

---

1 Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
2 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
3 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
4 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
5 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
6 1969] 1 QB 276.

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[8] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux,***

[7] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

*taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[9] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[10]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[11] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

---

[10] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[12] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [13] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xhieda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li

[12] 1997 Edition Para 10-3.
[13] 1952.

dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[14] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[15] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebet quddiem l-Ewwel Qorti.

L-appellant irilaxxa zewg stqarrijiet, wahda nhar l-1 ta' Marzu, 2019 u t-tieni wahda nhar it-2 ta' Marzu, 2019. Fl-ewwel stqarrija,[16] l-appellant jghid li m'ghandux laqam, li hu disokkupat u li jghix wahdu fil-fond bin-numru 21, Triq Joseph Stivala, Paola. Hu ghazel li ma jwegibx ghal maggoranza tal-mistoqsijiet relatati mas-serq li sar nhar il-21 ta' Frar,

---

[14] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.
[15] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[16] Fol. 10 tal-process.

2019 minn gewwa Carters Supermarket, Tarxien. Qal li gieli xtara minn hemm bhal sapun tal-hwejjeg izda mhux jisraq. Hu tenna li hdejh hemm il-Convenience Store. Fir-rigward tal-hwejjeg misjuba fid-dar tieghu hu tenna li tieghu kienu la sabuhom f'daru izda wara jghid li mhux bilfors huma tieghu ghax infatti kienu nstabu xi hwejjeg ohrajn id-dar tieghu. Fit-tieni stqarrija tieghu,[17] l-appellant rega' gie mistoqsi fuq l-istess hwejjeg u tenna li mhux tieghu w zied jghid illi kien hemm tnejn ma kellhomx fejn joqghodu xi hames/sitt xhur qabel u hallew hwejjighom hemm. Mistoqsi min huma dawn in-nies hu jghid li nesa u li gieli kien ikun hemm persuna *homeless* u kien izommu d-dar. Mistoqsi jafx min huma Charlot Calleja u Roberta Ciangura hu wiegeb li ma jafx min huma u ma jafx b'koppja li kellha xi laqam partikolari. Il-hwejjeg ta' mara misjuba go daru ma kienx jaf jghid ta' min huma. Muri l-karti tal-identita' ta' Charlot u Roberta misjuba fir-residenza tieghu hu jghid jafhom minn wicchom u ma jfissirx li jekk ghamlu xi haga hu kellu x'jaqsam. Jghid li gieli kellimhom izda qatt ma qaghdu d-dar tieghu. Mistoqsi fejn kienet ic-cavetta tad-dar tieghu li maghha kellu tal-karozza, hu jghid li ma jafx jew mitlufa. Hu jghid illi l-karozza tieghu jsuqha hu kemm imur id-Detox u lura. Qabel gie arrestat hu halla l-karozza fejn id-dar imma c-cwievet ma jafx fejn marru, mitlufin. Ma kienx jaf x'ser jaqbad jghid meta rinfaccat li meta marru l-ewwel darba l-pulizija l-karozza ma kienitx hemm izda t-tieni darba kienet qeghda hemm. Hu wiegeb li mhux vera rikeb vann abjad u saqu. Hu qal li ma mess xejn u ma kellux idea tieghu. Rinfaccat bil-fatt illi l-persuna li qed issuq il-vann tidher liebsa gaketta li bhala nstabet wahda fir-residenza tieghu u li l-persuna mexa l-istess mixja bhalu, hu wiegeb li mhux vera. Ghaz-zewg stqarrijiet hu ffirma wkoll rinunzja[18] ghad-dritt li jikkonsulta u/jew li jkollu avukat u/jew prokuratur legali prezenti qabel u/jew waqt l-interrogazzjoni.

**L-Ispettur Sarah Zerafa**[19] xehdet nhar it-13 ta' Marzu, 2019, fejn spjegat illi nhar is-27 ta' Frar, 2019, mar jirraporta Pierre Mallia fil-kapacita' tieghu ta' Manager ta' Carters Supermarket fejn qal illi nhar il-21 ta' Frar, 2019 ghal habta ta' 5.45pm insterqu sbatax (17)-il blade tad-ditta Gilette u tlett razor blades tal-istess ditta li l-ammont taghhom kien jeccedi it-tlett mitt euro (€300.00). L-istess persuna, nhar il-25 ta' Frar, 2019 serqet ukoll

---

[17] Fol. 12 tal-process.
[18] Fol. 15 et seq. tal-process.
[19] Fol .50 tal-process.

hames *body groomers* tad-ditta Braun li jammontaw ghal aktar minn mitt euro (€100.00). Hi pprezentat is-CCTV footages tal-Carters Supermarket mghoddija lill- pulizija mis-Sur Mallia. Fil-21 ta' Frar, il-halliel kien liebes gakketta bajda, slipper blu tad-ditta Nike u fil-25 ta' Frar, 2019 kien liebes slipper blu, qalziet tat-tracksuit iswed, gakketta blu bil-marki homor u bojod u skufja griza bil-linji bojod u suwed. Il-persuna tidher qed tiehu l-blades u timxi f'post iehor. Spjegat li din il-persuna tidher qed tiehu xi haga f'halqha, x'aktarx xi bicca xafra, taqta' l-kaxxa u tiehu l-blades minnha u l-kaxxa terga' titfaghha f'postha. Huma gharfu mis-*CCTV footages* li kien Ludwig Bugeja u ghalhekk inhareg mandat t'arrest u tfittxija. Hu maghruf l-ghassa u kien involut f'xi kazijiet ohra u nhar l-1 ta' Marzu, 2019 is-Sur Mallia infurma l-pulizija li kienu gharfu lil persuna li kienet serqet u zammewha. Il-pulizija marru fuq il-post u arrestaw lil Bugeja. Minn hemmhekk saret tfittxija fid-dar tieghu fl-indirizz 21, Triq Joseph Stivala, Paola u nstabu l-istess hwejjeg li kienu jidhru fuq is-CCTV. Minn meta nstabet il-gakketta l-bajda, hi xehdet li ndunaw li hu kien involut f'serqa ta' karozza li tali kaz kienet qed tinvestigah hi wkoll. Ir-rapport ta' serq ta' karozza sehh fit-13 ta' Jannar, 2019 minn quddiem il-BOV, Triq Guze' D' Amato, Paola. Waslet ghall-appellant minhabba l-mixja li jimxi biha Ludwig Bugeja li tidher fil-filmat li l-pulizija kienet gabret mill-BOV. L-istess gakketta li ntuzat fis-serqa tal-Carters, intuzat fis-serq tal-karozza. Il-gakketta partikolari u ghalhekk tingharaf u Bugeja joqghod fl-istess lokalita' li fiha nsterqet il-karozza. Ir-rapport tas-serq tal-karozza kien dahal nhar it-13 ta' Jannar u l-ghada l-vittma kienet infurmat il-pulizija li kienet sabet il-karozza gewwa l-*park and ride* tal-Marsa pparkjata. Kienu kkomunikaw ma tal-Forensika sabiex imorru fuq il-post u jaghmlu l-analizi izda sadanittant il-vittma kien ikkomunika maghha u qalilha li kienu regghu hadulu l-vann. Giet esebita CD turi l-vann hiereg mill-*park and ride* nhar l-14 ta' Jannar 2019 xi 1.03pm. Il-vittma kien ra persuna bil-gakketta bajda, krozzi u skufja. Il-vann kien ta' tip Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBC 128. Kienet ukoll dahlet telefonata anonima b'vuci maskili fejn qalet li Bugeja kien seraq vann u beda jipprova jbieghu. Hi qalet li minn hemmhekk xorta ma waslitx ghal Bugeja ghax ma kienx jidrilha li kienet prova bizejjed izda meta gie nnutat mill-*footage* tal-Carters li jidher car hafna, liebes l-istess hwejjeg u l-istess statura u hemmhekk ghamlu l-link. Gie pprezentat ukoll *footage* mill-camera tal-LESA li hemm hdejn id-Detox, fejn jidher Bugeja jisraq il-karozza u bl-istess gakketta li kien uza fis-serqa tal-Carters. L-Ispettur sostniet illi Bugeja

ma bediex jikkollabora mal-pulizija, fost affarijiet oħra meta marru sabiex jagħmlu s-*search* fid-dar tiegħu hu qal li kien tilef iċ-ċavetta u ma jafx fejn qegħda. Il-pulizija għaddew mit-tieqa sabiex ma jagħmlux ħsara u waqt is-*search* bdew isibu affarijiet oħra, nies oħrajn, li l-pulizija jafu ta' min huma għax imfittxija fuq rapport ta' serq ukoll. Bugeja baqa' jgħid li ma jafx min huma u li kien jgħix waħdu hemmhekk. Ġie esebit ritratt tal-karti tal-identita' li ġew misjuba fid-dar ta' Bugeja ta' ċertu Roberta Ciangura u Charlo Calleja. Ġew prezentati wkoll il-wallets li fihom instabu l-ID Cards. Bugeja qal li m'għandux idea kemm dwar il-karti tal-identita' u kemm fuq il-wallets. Hu qal li ma jafhomx lil dawn l-individwi. Qal li ġieli kellimhom imma ma jafhomx. Waqt is-*search* fir-residenza ta' Bugeja, il-karozza tiegħu Peugeot ħadra li hi rreġistrata fuqu, ma kienitx ipparkjata hemmhekk. Sussegwentament, meta l-pulizija marru sabiex jiġbor xi ħwejjeġ biex ikun jista' joħodhom miegħu l-ħabs, il-karozza tiegħu kienet ipparkjata hemmhekk. Bugeja baqa' jsostni li ma jafx fejnhom iċ-ċwievet u ma jafx min saq il-karozza. Meta reġgħu daħlu mit-tieqa, sabu l-affarijiet differenti minn kif kienu ħallewhom il-pulizija, ċ-ċavetta tal-bieb u tal-karozza, sabu wkoll ikel imsajjar li ma kienx hemm qabel u li jindika li xi ħadd kien mar jiekol. Hu baqa' jgħid li ma jafx min kien daħal fir-residenza tiegħu. Il-pulizija rat ukoll ħwejjeġ li jappartjenu lil Calleja u Ciangura u jaf li huma tagħhom għax jidhru ġo filmat ta' serqa oħra bl-istess ħwejjeġ.

L-Ispettur Zerafa[20] reġgħet xehdet nhar l-20 ta' Marzu, 2019 fejn ipprezentat rapport datat l-20 ta' Frar, 2019 u magħmul minn Zeng Chui Lian, sid ta' ħanut bl-isem *The Perfect House* f'Santa Venera, fejn kien daħħlu koppja mara u raġel u sussegwentament kien daħal Bugeja b' ġakketta bajda u krozzi. Hi għarfitu mill-*footage* li pprezentat ukoll quddiem l-Ewwel Qorti. Sid il-ħanut filwaqt li bdiet tkellem lil Bugeja, innutat li l-koppja kienu ħadu xi affarijiet. Hi baqgħet ħierġa warajhom u rathom deħlin f' Peugeot ħadra bin-numru tar-reġistrazzjoni DBG 314 li hi rreġistrata fuq Ludwig Bugeja. Hu kien liebes l-istess ħwejjeġ li ġew esebiti flimkien mal-krozzi. Hi prezentat ukoll il-ħwejjeġ li kienu libsin il-koppja u li nstabu fir-residenza ta' Bugeja.

[20] Fol. 93 tal-process.

L-Ispettur xehdet illi kienet hadet stqarrija lill-Ludwig Bugeja dwar dan nhar il-11 ta' Marzu, 2019 fejn dan, wara li wrietu l-filmat, hu qalilha li ma jiftakarx fejn hu l-hanut u li kien dahal wahdu. Hu qal li l-koppja ma jafx min huma. Ikkonferma li l-persuna tal-krozzi huwa hu. Sostna li ma kellux intenzjoni meta dahal fil-hanut. Hu nnegga li kien dahal fil-hanut sabiex sakemm hu jkellem lis-*salesgirl* il-persuni l-ohra setghu jisirqu. Hu qal li ma jafx min kienu l-koppja tal-filmat u kien mar hemm b' Tal-linja. Muri ritratt tal-karozza, hu jghid li mhux hu kien biha. Hu sahansitra qal li ma jafx min kienet il-persuna hdejn il-karozza tieghu. Mistoqsi x'ghamlu bl-affarijiet li Ciangura u Calleja kien hadu hu qal li qas biss kien maghhom. Bugeja rrinunzja wkoll ghad-dritt tieghu ghall-assistenza legali.

Nhar l-1 t'April, 2019, l-Ispettur Zerafa[21] regghet xehdet u pprezentat ic-certifikat tat-twelid ta' Bugeja. Nhar is-6 ta' Mejju, 2019, l-Ispettur Zerafa[22] xehdet ghal darb'ohra u pprezentat l-kaxxi li gew imsemmija fix-xhieda ta' Pierre Mallia. Fil-filmat jidher Bugeja johrog xi haga minn halqu, jaghmilha mal-kaxxa u jiehu l-oggetti. Gie esebit ukoll ritratt ta' dawn il-kaxxi li haditu hi personali.

L-Ispettur Zerafa[23] regghet xeh det nhar l-24 ta' Gunju, 2019 fejn esebiet diversi sentenzi li gew moghtija fil-konfront ta' Ludwig Bugeja.

**<u>Pierre Mallia</u>**[24] xehed nhar it-13 ta' Marzu, 2019 fejn qal li hu kien hemmhekk ghan-nom ta' Chain Supermarket u li hu jahdem hemm bhala Manager. Carters Supermarket hu l-hanut u l-kumpanija jisimha Chain Supermarket (Tarxien) Limited. Fil-21 ta' Frar xi 5.45 jghid li dahal il-hanut Ludwig, li ndikah fl-awla. Kienu qalulhom xi klijenti li kien hemm ragel qieghed jisraq. Dak il-hin ma waqqfux ghax ma kienx cert, izda mbghad raw is-CCTV. Gie nnutat li hu kien ha blades fl-ammont ta' tlett mija, sebgha u tletin euro (€337.00) u ghoxrin (20) pakket blades. Fil-25 ta' Frar, 2019 xi 5.45pm rega' dahal u ha magni tax-xaghar. Huma sabu l-kaxxa vojta fuq l-ixkafef u l-valur taghhom kien ta' mija u tmenin euro (€180.00). B'kollox l-ammont kien jammonta ghal hames mija u sittin euro

[21] Fol. 124 tal-process.
[22] Fol. 276 tal-process.
[23] Fol. 318 tal-process.
[24] Fol. 65 tal-process.

(€560.00). Hu kkonferma li kien ghadda is-*CCTV footage* lill-Ispettur. Spjega illi nhar l-1 ta' Marzu, 2019 kien cempillu min kien qed jaghmillu l-filmat u qallu li l-Fgura kien hemm Ludwig Bugeja. Kif kien hiereg hu waqqfu u Bugeja kien qallu li ma ha xejn. Hu kien qallu li mic-Chain il-Fgura ma kien ha xejn izda minn Carters Tarxien, iva. Hu qallu 'imma minn hawn ma hadt xejn'. Kien cempel il-pulizija u kienu marru ghalih. Sostna li mill-Fgura ma kien seraq xejn. Hu qal li kien gharfu minn wiccu u kif jimxi. Spjega li Bugeja jimxi zopp, gieli kien bil-krozzi u gieli kien bla krozzi.

**<u>Wayne Scott Schembri</u>**[25] xehed nhar it-13 ta' Marzu, 2019 fejn spjega illi nhar it-13 ta' Jannar, 2019 kien ipparkja l-vann bin-numru tar-registrazzjoni CBC 128 tat-tip Isuzu Space cab quddiem il-bank tal-BOV ghal madwar siegha mbghad ma sabux hemm. Hu ghamel rapport l-ghassa u beda jdur ifittxu bil-vann ta' missieru u sabu pparkjat il-*Marsa Park and Ride*, l-ghada filghodu. Hu cempel lill-pulizija li qalulu sabiex joqghod magenb il-vann. Kienet ix-xita u kellu jitbieghed naqra u gie ragel b'gakketta bajda u skufja skura, bil-krozzi u telaq bil-vann. Hu spjega li Bugeja qabad il-krozzi b'id wahda, tefahom gol-vann u haffef bicca minghajr il-krozzi sabiex isuqu u jahrab.

**<u>Zeng Chun Lian</u>**[26] xehdet nhar l-20 ta' Marzu, 2022 fejn spjegat illi nhar l-20 ta' Frar, 2019 kien hemm koppja li dahhlu sabiex jixtru *speaker* mill-hanut taghha *The Perfect House*. Huma qadghu jduru u fil-frattemp dahal ragel iehor. Hu saqsiha isibilhiex shaver. Dan kellu mixja partikolari, ma kienx qed jimxi bilancjat fuq zewg saqajn. Hi nnutat li l-koppja bdew idahhlu xi affarijiet fil-qalziet taghhom. Is-sid staqsiethom x'kienu dahhlu fil-qalziet u r-ragel beda jigbed il-barra. Ir-ragel l-iehor ukoll hareg barra mill-hanut. Hi marret tigri warajhom u zammitilhom il-bieba. Tawha lura *stereo* u qalulha li dak biss kienu hadu. Hi sabet *speakers, shaving cream* u radio ta' karozza neqsin. L-istereo jiswa disgha u tletin euro (€39.00), l-ispeakers madwar ghaxar euro (€10.00) u kien hemm madwar disgha (9) jew ghaxra (10) neqsin u x-shaving cream tmien euro (€8.00). Hi kkonfermat li r-ritratti murija lilha gew mehudin fil-hanut taghha. Hi ddiskrevit ir-ragel tal-gakketta l-bajda bhala t-tielet ragel. Hi kkonfermat illi habiba taghha Amy li kienet fuq btala, harget mill-hanut u

[25] Fol. 71 tal-process.
[26] Fol. 113 tal-process.

hadet ritratt tal-karozza. Hi tghid li ma setghetx terga tkellima wara dan li kien gara. Hi tghid illi t-tielet ragel ma rikibx gol-karozza. Hi indikat lil Bugeja fl-awla bhala t-tielet persuna li dahlet u cioe t-tieni ragel. In kontro-ezami tghid illi l-istereo kien mghotti fi hwejjeg ir-ragel. Hi ma ratx il-mara titfa l-affarijiet fil-handbag, dan gie osservat mill-video. Hi tghid li ma tafx kif il-pulizija saru jafu b'dan l-incident. In ri-ezami qalet li l-video kien spicca fuq *website* u l-pulizija avvicinawa u staqsewa x'kien gara. Milli tiftakar, it-tielet persuna u cioe' Bugeja kien staqsiha kif tuza *s-shaving cream*. Hi tghid li Bugeja ma tafx x'sar minnu u meta rritornat fil-hanut ma kienx hemm.

**Jonathan Mizzi**[27] xehed nhar is-6 ta' Mejju, 2019 fejn qal illi nhar it-13 ta' Marzu, 2019 kien gie mahtur sabiex janalizza erba' (4) *CCTV footages* u kien mitlub jaghmel rapport separat ghal kull footage u pprezenta r-rapporti tieghu. Nhar l-20 ta' Marzu, 2019 kien mahtur sabiex janalizza *CCTV footage* iehor li ghalih ukoll ipprezenta rapport.

**Karen Cremona**[28] xehdet nhar is-6 ta' Mejju, 2019 fejn qalet illi hi tahdem l-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta u tokkupa l-pozizzjoni ta' Manager gewwa l-*Land Transport Directorate*. Hi qalet illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBC 138, Isuzu TRTFR, trakk ta' kulur abjad hu registrat fuq Wayne Schembri u ilu hekk sa minn l-2013. Il-vettura DBG 314 Peugeot 306 ta' kulur ahdar hi registrata fuq Ludwig Bugeja.

**PS1258 Carmel Debattista**[29] xehed nhar is-17 ta' Mejju, 2019 fejn qal illi nhar is-27 ta' Frar, 2019 ghal habta ta' 1.30pm kien dahal certu Pierre Mallia, manager fil-Carters Supermarket fejn kien qalilhom li nhar il-21 ta' Frar, 2019 kienu nsterqulu xi affarijiet mill-hanut tieghu bhal blades u affarijiet simili u hadilhom il-filmat u hu gharaf lil Ludwig Bugeja u dan peress li jiffirma l-ghassa. Hu kkonferma r-rapport li ghamel hu a fol. 40 tal-process. Hu ma rah jiehu xejn fuq il-video izda rah hiereg biss.

---

[27] Fol. 142 tal-process.
[28] Fol. 262 tal-process.
[29] Fol. 292 tal-process.

**PS267 Anthony Cassar**[30] xehed nhar is-17 ta' Mejju, 2019 u qal li gie stuwit ifittex naqra wara filmat beda jigi ccirkulat fuq il-media socjali ta' *shop lifting* fil-hanut *The Perfect House* f' Santa Venera. Huma marru fil-hanut u kellmu lis-sid bl-isem ta' Zeng Chun Lian li kkonfermat ir-rapport izda naqset milli taghmel rapport ufficjalment ghaliex bezghet li jkun hemm xi konsegwenzi kontriha. L-incident kien sar fl-20 ta' Frar, 2019 u hu jaf dan ghax kienet qaltlu l-Ispettur Zerafa wara li vverifikat mal-PFR. Hu vverifika r-rapport li kien ghamel hu u li jinsab a fol. 98 tal-atti processwali izda kompla jghid illi l-bicca f'fol. 101 giet mizjuda mill-Ispettur Zerafa. In kontro-ezami qal li l-filmat mar ghandhom l-ghassa ghax kienu talbu ghalih wara li deher fuq il-media socjali lokali.

**L-Inginier Jean Paul Azzopardi**[31] xehed nhar l-24 ta' Gunju, 2019 fejn qal li nhar is-17 ta' Mejju, 2019 kien nominat sabiex jaghti valutazzjoni tal-vettura Isuzu TFR bin-numru tar-registrazzjoni CBC 128. Hu qal li hareg il-valur mill-esperjenza li ghandu fis-settur. Il-kundizzjoni tal-vann ma setax jezamina, billi l-vann ma kienx disponibbli. L-istima kienet bejn tlett elef u hames mitt euro (€3,500) u erbat elef u hames mitt euro (€4,500). Hu esebixxa r-rapport tieghu mmarkat bhala Dok JPA1.

**PS 192 Ramon Gordano**[32] xehed nhar l-24 ta' Gunju, 2019 fejn qal li nhar it-13 ta' Jannar, 2019 xi 5.40pm kienet insterqet vettura minn quddiem il-BOV ta' Paola. Kien mar jaghmel rapport Wayne Scott. Dan tal-ahhar kien stqarr li kien ipparkja l-karozza hemmhekk u halla c-cavetta fl-*ignition*. X'hin lesta mill-qadi li kellu u mar lura, dan induna li kienet insterqitlu l-vettura. L-ghada il-vittma kien cempel l-ghassa u qal li kien sab il-vettura fil-Park and Ride Qormi. Hu kien idderigieh sabiex jibqa' fejn il-karozza u nfurma lill-pulizija ta' Qormi sabiex imorru jassistuh. Minn hemmhekk ma jafx x'gara. Hu kkonferma r-rapport li hejja hu a fol. 43 tal-proces verbal.

**Cherise Boffa**[33] xehdet nhar l-24 ta' Gunju, 2019 fejn qalet li giet ordnata ssegwi lil Ludwig Bugeja fuq p*rovisional order of supervision* mill-imhallef Edwina Grima. Hi nfurmat il-Qorti

---

[30] Fol. 294 tal-process.
[31] Fol. 302 tal-process.
[32] Fol. 316 tal-process.
[33] Fol. 374 tal-process.

illi minn meta giet mahtura Bugeja kien inghata hames appuntamenti li minnhom attenda biss tnejn. Bugeja qatt m'ghaddielha kampjun tal-urina minkejja l-insistenza taghha. Spjegat illi l-ahhar appuntament li kellu qalilha li ma kienx sejjer ghax ried imur ghand it-tabib. Mill-kuntatt li hi kellha ma Detox irrizulta li l-kampjun li kien halla l-iktar ricenti kien ta' 12 ta' Gunju fejn kien irrizulta pozittiv ghal kokajina. Hi kienet ikkuntatjat ukoll lil Ruben li huwa haddiem socjali d-detox li kien infurmaha li Ludwig kellu jaghmel kuntatt mas-sedqa. Kienu gew iffissati diversi appuntamenti izda hu m'attendiex. Hi qalet li ppruvat tmur fir-residenza tieghu izda dan ma fethilhiex. Sostniet illi min-naha taghha u tad-detox qed jaraw naqra inkonsistenza. Qalet li hi jew thalli l-appuntamenti mal-ghassa jew mad-detox peress li m'ghandux mobile. Ikkonfermat li hu jbati mit-*Tourette Syndrome*. Spjegat li taf li s-sena li ghaddiet ghamel operazzjoni kbira u tifhem li jkun mugugh, izda ratu darbtejn jimxi l-belt b'ko-incidenza.

Ms Boffa[34] regghet xehdet nhar id-29 ta' Lulju, 2019 fejn spjegat li Bugeja kien inghata erba' appuntamenti ohra u m'attenda ghall-ebda minnhom. Hi ssostniet illi pjanat diversi *home visits* u qatt ma sabitu d-dar minkejja li kien darba cemplilha mid-detox u qalilha li kien ghamel xi jiem l-isptar u ma setax jimxi. Hi tghid li batitlu appuntamenti bil-posta, marret hemm u anke bit-telefon imma kollu kien ta' xejn. Hi kienet ghamlet kuntatt ukoll ma' Gail Camilleri li hi l-keyworker ta' Bugeja mill-Agenzija Caritas u hu ma kien zamm l-ebda kuntatt minn nofs Gunju sa l-ahhar ta' Lulju. Ghalhekk qalet illi s-supervizjoni ma setghetx taghmilha f'dak il-punt.

Nhar it-23 t' Ottubru, 2019, regghet xehdet Charisse Boffa fejn qalet illi kemm ilha ssegwi lil Ludwig u cioe' meta harget l-*order of supervision* fit-8 ta' Mejju, 2019, hu mar id-Dipartiment tal-Probation u Parole darba biss u darba ohra kellu jissottometti ruhu kampjun tal-urina u dan m'ghamlux u telaq. Kien hemm disa' (9) appuntamenti li dan m'attendiex. Hi kienet infurmata li kellu problemi medici u ta' mobbilta, ghalkemm postijiet ohra bhad-detox kien imur, u ghalhekk iddecidiet li taghmel *home visits*. Hi sabitu hemmhekk darbtejn, f'Awwissu u Settembru, madanakollu l-ahhar *home visit* li kellha pjanata f'Ottubru, ghamlet xi kwarta ma kollega taghha tistenna u minkejja li kien hemm

[34] Fol. 381. tal-process.

il-hoss gewwa hadd ma fetah. Hi xehdet illi minkejja li ghandu wkoll l-ghajnuna mid-detox, hu ma kienx qieghed jaghmel l-almu tieghu. *Urine test* li sar min-naha tad-detox irrizulta fin-negattiv ghal methadone meta dan suppost kien qieghed johodha minhabba l-eroina. Seta' kien il-kaz li kien kampjun ta' xi haddiehor. Hi kienet konoxxenti wkoll ghall-fatt illi hu gie arrestat fuq kaz iehor u allura s-supervizjoni ma setghetx issir. Suppost Bugeja kellu jzomm kuntatt mas-Sedqa jew Caritas. Rita Cortis, is-social worker tad-detox tatu l-appuntamenti ghas-sedqa izda ma marx jew ma setax imur.

Nhar it-12 t' Ottubru, 2020 Charisse Boffa[35] xehdet illi Bugeja kien ilu kwazi sena fil-habs u l-andament tieghu hemmhekk kien wiehed pjuttost tajjeb. It-testijiet tal-awrina rrizultaw fin-negattiv ghad-droga. Fl-1 t' Ottubru, inghata l-bail fuq kaz iehor li kellu u li dakinhar stess kellu appuntament maghha u suppost kellu jghaddilha wkoll test tal-awrina. Bugeja kien ghamel ukoll kuntatt mad-Detox fejn irnexxielu anke jnaqqas ftit il-methadone u rnexxilu jbaxxiha ftit. Hu ghamel l-ewwel kuntatt mal-Caritas ukoll.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellant qieghed jilmenta fl-ewwel aggravju tieghu illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-quddiem l-ahjar prova u cioe' l-prova 'l hinn kull dubbju dettat mir-raguni. *In breve*, dan il-kaz jirrigwardja tlett serqiet u cioe' dawk li saru minn Carters Supermarket; is-serqa tal-vettura tat-tip Isuzu minn quddiem il-bank BOV f' Poala u s-serqa minn gewwa l-hanut *The Perfect House* f' Santa Venera. B'mod generali, fir-rigward tas-serqiet kollha, l-prosekuzzjoni gabet il-quddiem kemm provi diretti u kemm provi indizzjarji (circumstansial evidence).

**Il-provi indizzjarji ma jippruvawx xi haga b'mod dirett, bhal ma wiehed jghid li ra lill-akkuzat jaghmel jew sema' lill-akkuzat jghid xi haga (prova diretta). Hija prova li ma titkellimx pero' tista' tghidlek hafna. Ikunu cirkostanzi dawn li minnhom wiehed jista' jinferixxi u jigbed certi konkluzjonijiet. Tkun xi tkun il-prova indiretta dik ic-**

[35] Fol. 396 tal-process.

**cirkostanza trid tipponta f'direzzjoni partikolari wahda, tali direzzjoni tkun univoka.**[36] Fil-kamp penali, il-provi indizzjarji spiss ikunu mportanti hafna u minn xi daqqiet jistghu ikunu a dirittura l-unici provi wkoll, ghas-semplici raguni li min jiddeciedi li jikser il-Ligi billi jikkommetti xi reat jipprova jaghmel minn **kollox biex hadd ma jarah u hadd ma jisimghu, cioe' jaghmel l-affarijiet bil-mohbi. Jista' jkun hemm diversi provi ndizzjarji li ebda wahda minnhom mehuda individwalment ma tkun tista' twasslek biex tissodisfakom mill-htija ta' l-akkuzat, pero' umbaghad dawk il-provi ndizzjarji mehudin flimkien ikunu tali li flimkien, jew wahidhom bhala provi ndizzjarji jew ma' provi diretti ohrajn, iwassluk ghal dik il-konkluzjoni ta' htija.** Hawnhekk il-Qorti thoss il-htiega li taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Caruana**[37] fejn gie ritenut is-segwenti f'dan ir-rigward:

> *'Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer*** *tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fissistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:*
>
> *It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of seceral cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded toghether may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of quilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

[36] Ara **Il-Pulizija vs Emanneul Seisun**, Appell Kriminali datat 9 ta'Jannar, 1998.
[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 t'April, 2022.

*12. Fis-sentenza appena citat, il-Qorti gabbret dan l-insenjament kollu f'paragrafu wiehed bis-segwenti bran:*

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

Fir-rigward l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' serq tal-vettura tat-tip Isuzu minn fejn il-bank BOV ta' Paola, il-prosekuzzjoni tellghet lill-parti leza Wayne Scott Schembri sabiex jixhed u sahansitra esebiet tlett *CCTV footages* li juru lill-appellant jiehu l-vann minn fejn il-bank BOV f' Rahal il-Gdid, *CCTV footage* hdejn id-detox fejn l-appellant jidher bl-istess hwejjeg li gew esebiti quddiem il-Qorti u li bihom kien seraq ukoll mill-Carters Supermarket kif ukoll bil-krozzi u fl-ahhar u mhux l-inqas *CCTV footage* tal-Marsa Park and Ride. Il-vittma stess ra b'ghajnejh il-vettura tieghu fil-Marsa Park and Ride u l-appellant rikeb u saq bih! Oltre minn hekk l-Ispettur Sarah Zerafa qalet ukoll li sahansitra l-pulizija kienet ircievet ukoll telefonata anonima fejn gew infurmati illi Bugeja kien qieghed jipprova jbiegh vettura. Ghaldaqstant, dawn il-gabra ta' provi diretti u cirkustanzjali flimkien m'hemmx dubbju illi l-appellant wettaq dan ir-reat.

Fir-rigward it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u cioe' dawk rigwardanti s-serqiet minn go Carters Supermarket, din il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-prosekuzzjoni gabet il-quddiem l-ahjar prova u dan stante li xehed Pierre Mallia bhala Manager ta' Carters Supermarket li

gharaf lill-appellant u sahansitra gibed l-attenzjoni dwar il-mixja partikolari tieghu; gew esebiti ic-*CCTV footages* mis-supermarket; gew prezentati l-hwejjeg li kien liebes dakinhar tas-serqa li nstabu gewwa r-residenza tieghu f' Paola u li gew esebiti wkoll flimkien mal-kaxxi vojta li nstabu fis-supermarket stess dakinhar tas-serqa. Din il-Qorti ma tistax ma ssemmix ukoll li meta l-appellant gie mwaqqaf gewwa Supermarket fil-Fgura mis-Sur Mallia stess l-ewwel haga li qallu kien li hu ma kien ha xejn! Dawn il-provi kollha maghdudin flimkien huma ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi l-prosekuzzjoni fil-fatt ressqu l-ahjar prova.

Fir-rigward it-tielet serqa u cioe' dik li saret minn gol-hanut *The Perfect House* f' Santa Venera l-appellant gie akkuzat b'komplicita' ta' serq semplici. F'dan il-kaz l-appellant ammetta fl-isqarrija tieghu stess illi r-ragel bil-gakketta bajda fil-filmat kien hu. Madankollu jghid li ma kienx jaf lill-koppja li kienu dahhlu qablu fil-hanut. Madanakollu, hekk kif xehdet l-Ispettur Zerafa, dawn jirrizulta li kienu Roberta Ciangura u Charlot Calleja li l-hwejjeg li huma kienu libsin dakinhar tas-serqa, flimkien mal-karti tal-identita' taghhom instabu fir-residenza tal-appellant. Oltre minn hekk, sid il-hanut rathom jirkbu go karozza hadra tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DBG 314, li minn xhieda ta' Karen Cremona rrizulta li hija registrata fuq l-appellant. Habiba tas-sid li kienet Malta fuq btala hadet ritratt ta' din l-istess karozza li wkoll gie esebit. Huwa fatt illi l-valur ta' l-affarijiet misruqa ma giex stabbilit b'mod definittiv mill-parti leza madankollu minn dak kollu li semmiet, l-Ewwel Qorti kienet ragonevoli u hadet biss il-valur minimu tal-oggetti u cioe' t-total ta' mija, sitta' u sebghin euro (€176.00).

Mhux kredibbli l-appellant meta qal li mar f'dak il-post b'Tal-linja, meta l-istess nies li kellhom l-affarijiet personali taghhom fir-residenza tieghu kienu bil-karozza tieghu fejn il-hanut! Ghalkemm huwa minnu, li s-sid ma ratx lill-appellant diehel fil-karozza mal-koppja, il-fatti maghguna kollha f'daqqa', igieghel lil din il-Qorti temmen illi l-prosekuzzjoni rnexxiela tressaq dik il-prova li hi rikjesta tressaq bil-ligi u jigifieri *beyond reasonable doubt* u mhux *without a shadow of a doubt.*

**Ikkunsidrat,**

L-appellant jilmenta wkoll fl-ewwel aggravju tiegħu illi l-elementi tar-reat tas-serq ma ġewx pruvati. Hawnhekk din il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[38] fejn ġie ritenut is-segwenti fuq l-elementi tas-serq:

*'In primis jiġi rilevat illi l-elementi kostitutittivi tar-reat tas-serq ġew elenkati fissentenza fl-ismijiet ' Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) versus Jean Claude Cassar' fejn ġie kkunsidrat li:*

*' Fil- ġurisprudenza tagħna, il-Qrati dejjem imxew ma' l-aktar teorija stretta dwar is-serq – dik ta' Carrara li fil-qosor tgħid li bizzżejjed li wieħed iċaqlaq lapes minn post għal ieħor ġewwa l- istess kamara biex ikun ikkommetta serq.' Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija [Spettur Sandra Zammit] vs Clifford Camilleri' ġie kkunsidrat li:*

*' Illi x' inhuma l-elementi essenzjali biex jissussisti r-reat ta' serq huwa pacifiku u ben stabbilit. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem li our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro.*

*Illi dwar il-ħames element, dak intenzjonali l-Qorti ta' l- Appell Kriminali stabbilit li:*

*Issa kif ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna l-intenzjoni li tagħmel xi qliegħ tikkostitwixxi l- intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wieħed jieħu l-oġġett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegħ. Kif jgħid il-Carrara [op.cit. Vol. I, para. 2035] :-*

[38] Deciza nhar l-1 ta' Lulju, 2021.

*"il dolo specifico del furto consiste nell' intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll' uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s' intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-Crivellari jghid :-*

*"L' elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll' animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law , 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*

*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one' s self...."*

*u l-Maino fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X, para1843 jghid:-*

*"il profitto...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale, ma nell' ampio senso della parola." u aktar ' l isfel :- "...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*U mbaghad il-Cassazione ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*

*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre, 1916 - Bollett Pen. 1917, p.140]*

*Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' Il- Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit' fejn gie kkunsidrat li:*

*' 5. Dawn il-fatti m'ghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma:* ***(i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b' qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru.*** *Il- provenjenza ta' dawn l- elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

Il-gurisprudenza Maltija fuq il-lukru jew l-*animus lucrandi* rriteniet illi l-qliegh jista' jiehu diversi forom u mhux necessarjament wieħed li jissarraf fi flus.[39] Dan huwa l-principju li gie ravviżat fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Balzan**[40] fejn ġie ritenut is-segwenti:

*'Il-Qorti qalet li meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz.'*

[39] Ara **Il-Pulizija vs Gianluca Carabott** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Gunju, 2020.
[40] Deciz fit-23 ta' Marzu tal-2015.

Illi kif gie ritenut *supra*, sabiex jirrizulta r-reat tas-serq jehtieg li jirrizultaw il-hames elementi u cioe' (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b' qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Illi fil-kaz odjern dawn jirrizultaw kollha. L-oggetti misruqa, ttiehdu mis-sid legittimu taghhom minghajr kunsens u dan kif jirrizulta ampjament mix-xhieda li ddeponew quddiem l-ewwel Qorti. Minghajr dubbju ta' xejn l-iskop tal-lukru kien hemm, tant li sahansitra l-Ispettur Zerafa xehdet tghid illi kienu rcievew telefonata anonima gewwa l-ghassa li kienet tghid li Bugeja beda jipprova jbiegh il-vettura tal-ghamla Isuzu. Ghaldaqstant din il-Qorti zgur ma tistax taqbel mal-appellant fejn dan qal li l-elementi tar-reat tas-serq ma gewx ippruvati.

**Ikkunsidrat,**

It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwardja l-piena mposta mill-Ewwel Qorti u cioe' li din hija eccessiva u li setghet kienet iktar ekwa u gusta.

F'dan il-punt, din il-Qorti tixtieq taghmel refereza ukoll ghas-sentenza ricenti taghha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Yarick Farrugia</u>**[41] fejn gie ritenut li:

> *'l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*
>
> ***(a)Retributtiv;***
> ***(b)Preventiv; u***
> ***(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena***
>
> *L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-socjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-socjeta*

[41] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar il-5 t'April, 2022.

*teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva taddritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri filpiena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effettpreventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa aħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall- eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-*

*aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn irrijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali ghas-soċjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn proċess ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas- soċjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mghejjun itejjeb l-imġieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-socjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u labbiltajiet tieghu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun il-kawża b'eghmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Fis-sentenza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ruth Scerri</u>**[42] gie ritenut is-segwenti fuq dan it-tip t' aggravju:

*'74. In kwantu għall-aggravju dwar il-piena, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun* ***żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.*** *Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:*

[42] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-5 t' April, 2022.

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*75. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva **meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha**. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit flappell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza **sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena.** Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. **Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti**. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:*

***a. għall-offiża in kwistjoni u***
***b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati***

*u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-***

***Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** *deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:*

*Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari talkaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

*76.* ***Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.'***

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Din il-Qorti fliet l-atti processwali kollha u rrizultalha illi l-appellant kellu tlieta u erbghin sena (43) meta tressaq b'arrest, akkuzat b'involviment fi tlett serqiet. Il-fedina penali tal-akkuzat hija wahda voluminuza, sahansitra b'reati li jmorru lura is-

sena 1995. Minghajr dubbju ta' xejn jidher bic-car li l-appellant ghandu problema kbira ta' droga u minhabba dan jispicca jisraq sabiex isostni l-vizzju tieghu. Kif xehdet il-*probation officer* Charisse Boffa quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ma bediex jaghmel l-almu tieghu u skarta diversi appuntamenti li gew moghtija lilu. Fl-ahhar xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti hi qalet illi minn mindu kien rega' dahal il-habs fuq kaz iehor, l-appellant rega' beda jaqbad it-triq it-tajba u t-testijiet li kienu ttiehdulu bdew jirrizultaw fin-negattiv ghad-droga. Jidher bic-car allura illi l-appellant inghata diversi opportunitajiet sabiex idawwar hajtu u jipprova jgheleb il-vizzju tad-droga, madanakollu dan jerga' jaqa', b'mod specjali meta ma jkunx il-habs u jkun barra fis-socjeta'.

F'dan il-kaz, il-piena imposta mill-Ewwel Qorti kienet kemm tax-xorta li trid il-Ligi kif ukoll kienet tirrijentra fil-parametri li tipprefiggi l-Ligi ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet li gie mixli bihom l-appellant. F'dan il-kaz ma jistax jitqies li din kienet piena manifestament eccessiva jew sproporzjonata fic-cirkostanzi meta wiehed iqis il-volum ta' sentenzi simili li gew moghtija kontra l-appellant f'dawn l-ahhar snin, kif ukoll l-ammont ta'vittmi li sfaw misruqa minn taht l-istess appellant.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur